MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2003

Appell Kriminali Numru. 205/2002

Il-Pulizija
(Spettur A.P. Miruzzi)
Vs
Michelle Buhagiar

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala persuna rregistrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att. Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att. fl-20 ta' Frar, 2001, bhala Green Grocer fil-hanut 41, Triq Sant'Andrija, Lija, naqset, jew hi jew impjegati taghha jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom taghha li taghti jew tipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 ta' l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-

kumpens lilha mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-artikoli 51, 77 (a) u (e) u 82 (2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Settembru, 2002 li biha wara li rat l-Artikoli 51, 77 (a) u (e) u 82 (2) ta' l-Att XXIII ta' l-1998 u l-partiti 1, 2, 3 u 10 ta' l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma l-istess Att, sabet lill-imputata hatja skond l-akkuza u kkundannata l-piena ta' LM 175 multa.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fl-20 ta' Settembru, 2002, li bih talbet lil din il-Qorti joghgobha tilqa dan l-appell billi tannulla w tirrevoka s-sentenza appellata w tiddikjara lill-esponenti mhux hatja tal-istess imputazzjoni kontriha migjuba, u tilliberha minn kull imputazzjoni w kundanna.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti jikkonsisti filli l-elementi necessarji sabiex tissussisti l-akkuza kif dedotta ma rrizultax fil-gbir tal-provi , stante li ma rceviet ebda hlas u lanqas ma kienet donazzjoni w ghalhekk il-Qorti tal-Magistrati waslet ghal konkluzzjoni zbaljata;

Semghet ix-xiehda mill-gdid fil-kors tas-seduta tas-6 ta' Novembru, 2002;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur;

Ikkonsidrat ;
Illi l-akkuzi kontra l-appellanti huma bazati fuq incident li gara fil-hanut tal-grocer minnha gestit f' numru 41, Triq Sant' Andrija, Lija , fl-20 ta' Frar, 2001 , meta mara kienet osservata mill-Ispetturi tal-VAT li kienu barra l-hanut, thallas u tiehu l-bqija w meta kienet hierga b'zewg boroz , wahda bit-tuffiegh u l-ohra bil-bzar ahdar , irrizulta li ma kellhiex ricevuta . Meta l-ispetturi dahlu gewwa u staqsew lill-appellanti ghala ma hargitx ricevuta hija ammettiet li ma kienetx harget ricevuta . Kien umbaghad fuq talba w insistenza tal-Inspectors li l-appellanti harget icevuta ta'

75c . Invece l-appellanti ssostni li l-mara mhux veru li kienet hallset u li dak li hadet kien biss skart .

Illi l-kwistjoni kollha timpernja ruha fuq apprezzament ta' fatti maghmula mill-Ewwel Qorti . Illi skond il-prassi ta' din il-Qorti , l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax il-gudizzju tal-Ewwel Qorti fuq kwistjoni ta' apprezzament ta' fatt sakemm ma jkunx jidher car u manifest mill-provi traskritti jew mill-provi mismugha mill-gdid minn din il-Qorti li l-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti ma tkunx wahda "unsafe and unsatisfactory" . Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra" (10.5.2002) :-

"Principju fondamentali applikabbli fl-appelli kriminali huwa li l-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax facilment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti, izda taghmel ezami approfondit tal-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx ,legalment u ragonevolment, tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha."

Illi din il-Qorti proprju ghamlet dan l-ezami approfondit tal-provi u anki saru diversi konfronti quddiemha u wara li analizzat kollox ,bhall-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li l-provi tal-prosekuzzjoni huma konvincenti bizzejjed biex iwasslu biex din il-Qorti ikollha l-konvinciment morali li l-appellanti hija hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghha . Di fatti, l-versjoni li tat l-appellanti xejn ma hija verosimili w probabbli w kieku kien veru li l-mara ma kienetx hallset ghal dak li hadet u li kienet hadet skart biss , wiehed kien jistenna li din tghid dan lill-ispetturi w tipprotesta l-innocenza tal-appellanti w mhux li tara l-appellanti tohrog ricevuta fazulla u bla bzonn w ma tghid xejn. Umbaghad l-allegazzjoni tal-appellanti li dak li hadet il-mara kien skart hija kontradetta mill-istess spetturi tal-VAT li xehdu li dak li raw fiz-zewg boroz kien jidher f'kondizzjoni tajba . Xi imprecizjonijiet dwar dettali li seta' kien hemm fix-xiehda tal-VAT inspectors huma komprensibbli meta wiehed iqis in-numru kbir ta' kazijiet li jkollhom u li facilment jistghu ma jiftakrux id-dettalji kollha ta' kull kaz . Pero' huwa fatt li fis-sustanza dawn qablu dwar il-fatti minnhom deposti w minn dawn il-fatti tohrog

bla dubju ragonevoli l-htija tal-appellanti . Ghalhekk jidher li l-appell rigwardanti l-mertu tal-kaz u l-htija tal-appellanti ma hux fondat .

Illi ma hemm ebda aggravju dwar il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti .

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonfedrnma s-sentenza appellata.

--------------------------------TMIEM--------------------------------